MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 8/2023 LM

**Adriana Cassar Camilleri**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Proman Interiors**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul minn **Mario Falzon (K.I. nru. 515972(M)) bħala eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Proman Interiors'**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Settembru, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal tal-Konsumatur [minn issa

’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tar-rikorrenti **Adriana Cassar Camilleri** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellata’] kif ġej:

> *“...jiċħad l-eċċezzjonijiet ta’ Proman Interiors imressqa minn Mario Falzon u jilqa’ t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom, b’dan illi l-konvenut għandu jirrifondi lura s-somma ta’ Euro 2,619.51 fi żmien ġimgħa mil-lum bid-dritt li jieħu lura l-għamara in kwistjoni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-bejgħ u l-kunsinna ta’ għamara konsistenti fi *dresser* u mejda tal-ikel lill-appellata, li kienet ordnatha minn fuq katalgu mingħand il-ħanut bl-isem ta’ ‘Proman Interiors’, fejn kien hemm għall-wiri għamara, li skont l-istess appellata kienet tidher ta’ kwalità tajba. Hekk kif l-imsemmija għamara ġiet ikkunsinnata fir-residenza tal-appellata, hija mill-ewwel kif ratha m’għoġbithiex, għaliex il-kwalità ma kienitx dik mistennija. Għalhekk kienet ressqet ilment minnufih mal-ħanut.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellata istitwiet dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ Avviż tat-Talba fis-27 ta’ Jannar, 2021, fejn iddikjarat li huma kienu qegħdin jitolbu li jingħataw flushom lura, filwaqt li l-appellant jieħu lura l-prodott.

4. L-appellant wieġeb bħala eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ‘Proman Interiors’, fil-5 ta’ Marzu, 2021, fejn eċċepixxa s-segwenti:

*"1. <u>Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari</u>, l-Avviż tat-Talba kif promoss huwa irritu u null u dan billi jirriżulta illi r-rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri kontra 'Proman Interiors' qua intimat, liema 'entità' hija waħda ineżisenti u ma għandha ebda personalità ġuridika. Illi għalhekk dawn il-proċeduri kif dedotti ma jistgħux javvanzaw ulterjorment;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, f'kull każ u ai finijiet tal-ekonomija tal-ġudizzju stante illi l-esponenti ġie notifikat bl-Avviż ta' din it-Talba ser jgħaddi sabiex iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:*

*3. Illi t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha stante illi dak allegat minnha fl-Avviż tat-Talba huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi kif ġej ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, l-għamara in kwistjoni ma kellha ebda difett u/jew ħsarat;*

*5. Illi l-għamara in kwistjoni hija maħduma speċifikament sabiex timita stil u effett fuq l-antik. Illi din hija karatteristika tal-għamara li xtrat ir-rikorrenti;*

*6. Illil-għamara in kwistjoni hija* solid wood *u huwa konsegwenza naturali illi l-injam ikun sensittiv għall-ambjent ta' madwaru. Illi varjazzjonijiet fl-umdità u fit-temperatura jistgħu jikkawżaw li l-injam xi drabi jismien u drabi oħra jinxtorob u dan il-proċess iħalli xquq żgħar;*

*7. Illi l-għamara in kwistjoni hija magħmulha mill-arżnu ossia* pine *li minnu nnifsu hu kategorizzat bħala* soft wood*;*

*8. Illi dan kollu kien ġie spjegat lir-rikorrenti u intwerew lilha diversi kampjuni tal-għamara minn rappreżentanti tal-esponenti waqt li kienu fix-*showroom *qabel ma ġie konkluż il-bejgħ;*

*9. Salvi, jekk ikun il-każ, risposti ossia, eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż."*

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra*

*Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti flimkien ma' żewġha, Gerhadt Camilleri, kienu ordnaw l-għamara konsistenti fi* dresser *u mejda tal-ikel wara li raw xi* samples *li kienu għoġbuhom fis-*showroom.

*Madankollu, mal-wasla tal-għamara huma setgħu jinnutaw li d-*dresser/wall unit *kellha* damage *fid-dahar tal-għamara, il-kxaxen kienu iebsin ħafna, il-bibien iħokku mal-qiegħ, iż-żebgħa ma kienetx ta' kwalità, il-kulur ma kienx jaqbel ma' dak pattwit kif ukoll kien hemm dbabar sofor ħerġin mill-għamara. Prova ta' dan ir-rikorrenti ppreżentaw* pendrive *konsistenti f'*videos *kif ukoll sensiela ta' ritratti.*

*Mario Falzon għal 'Proman Interiors' jisħaq illi l-isem 'Proman Interiors' huwa biss* tradename *filwaqt li dawk l-allegati difetti huma* 'features' *apposta sabiex l-għamara jagħtuha dehra ta' għamara antika. Hu jispjega li l-attriċi kienet konxja li qegħda tixtri għamara 'Repro'.*

*Ikkunsidra*

*Illi l-intimat jeċepixxi illi l-Avviż tat-Talba huwa rritu u null u dan billi 'Proman Interiors' qua intimata hija sempliċiment* tradename.

*Illi tajjeb li wieħed jinnota li l-użu tat-*tradename *Proman Interiors huwa użat ampjament u fid-dawl tal-fatt li l-liġijiet tal-konsumatur huma diżinjati speċifikament sabiex jipproteġu l-konsumatur, dan it-Tribunal ma jħossx li Proman Interiors hija kompletament estranea fil-każ in kwistjoni u dan iktar u iktar meta fl-istess risposta hija twieġeb fil-mertu tal-każ. Għalhekk ser tiġi miċħuda.*

*Illi fil-mertu, l-atturi xehdu li huma kienu xtraw għamara mingħand il-konvenut. Huma kienu ġew murija xi* samples *fis-*showroom *li fuqhom għamlu l-ordni tagħhom. Illi apparti l-fatt li l-*wall unit *kellha* damage *fid-dahar, ħafna mill-kxaxen kienu iebsin filwaqt li l-bibien kienu iħokku mal-qiegħ. Iż-zebgħa ma kienetx ta' kwalità u di fatti, apparti d-daqqiet fil-pinzell kien hemm anki xagħar* [recte!] *tal-pinzell maqbud fiż-zebgħa. Saħansitra huma jixhdu li bdew joħorġu dbabar sofor fost difetti oħra.*

*Illi l-kwistjoni li għandha tiġi riżolta f'dan il-każ ma hux jekk l-attriċi hijiex kuntenta o meno b'mod suġġettiv bir-riżultat tal-prodott u jekk dan giex maħdum b'ċerta perfezzjoni iżda pjuttost jekk il-prodott mixtri mingħand il-konvenut kienx maħdum skont kif titlob is-sengħa u l-arti.*

*It-Tribunal jinnota li mill-provi prodotti jidher biċ-ċar li l-għamara hija milquta minn ċertu difetti li jidhru u li huma viżibbli mal-ewwel daqqa t'għajn. It-Tribunal ma jaqbilx li dbabar sofor, ix-xagħar tal-pinzell ġol-għamara u daqqiet oħra huma* 'features' *tar-*

*Repro kif jargumenta l-konvenut. Għall-kuntarju, dan huwa xogħol traskurat li jwassal lit-Tribunal jikkonkludi li x-xogħol prodott ma sarx skont is-sengħa u l-arti.*

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet ta' Proman Interiors imressqa minn Mario Falzon u jilqa' t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom, b'dan illi l-konvenut għandu jirrifondi lura s-somma ta' Euro 2,619.51 fi żmien ġimgħa mil-lum bid-dritt li jieħu lura l-għamara in kwistjoni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Settembru, 2023, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

*"...jogħġobha tilqa' dan l-umli appell u tħassar, tannulla u tirrevoka is-sentenza mogħtija nhar l-4 ta' Settembru 2023, mit-Tribunal tal-Konsumatur fl-ismijiet premessi, u tipproċedi sabiex tiċħad it-talba attriċi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attriċi appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) it-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet erroneji u kien żbaljat meta ċaħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu; u (b) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi.

7. L-appellata u Gerhardt John Camilleri għal kull interess li jista' jkollu, wieġbu fil-15 ta' Diċembru, 2023, fejn iddikjaraw li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha minn din il-Qorti, għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru fit-tweġiba tagħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi li qiegħed iressaq l-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellati.

*L-ewwel aggravju:* *[It-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet żbaljati u kien żbaljat meta ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu]*

9. L-appellant jikkontendi li t-Tribunal ma kienx korrett meta ċaħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu. Jispjega li l-Avviż ippreżentat mill-appellati kien indirizzat kontra 'Proman Interiors', iżda din mhijiex entità ġuridika, u għalhekk ma setgħux isiru proċeduri kontriha ġaladarba tikkostitwixxi biss *tradename.* Jirrileva li dan kollu ġie mfisser ċar fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, u anki fl-*affidavit* tiegħu. L-appellant ikompli jgħid li kien huwa stess eżerċenti l-kummerċ bħala 'Proman Interiors', li kien ippreżenta risposta għall-Avviż tal-appellati. L-eċċezzjonijiet fil-mertu kien għamilhom mingħajr preġudizzju, u anki għall-finijiet tal-ekonomija tal-ġudizzju, meħud in konsiderazzjoni li fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-appellata setgħet tagħżel li titlob id-debita korrezzjoni tal-Avviż, iżda hija kienet għażlet li dan ma tagħmlux.

10. L-appellati jikkontendu li dan l-ewwel aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, għaliex ma teżisti l-ebda distinzjoni legali bejn *tradename* u individwu. Fil-każ odjern, jgħidu li Mario Falzon dejjem aġixxa f'isem 'Proman Interiors', u fl-ebda ħin ma indika li kien hemm xi personalità ġuridika jew entità distinta. Min-naħa tagħhom, ġaladarba huma ma kienux jafu l-personalità ġuridika tal-imsemmi *tradename,* huma ma kellhom l-ebda għażla għajr li jeżerċitaw l-

azzjoni tagħhom fil-konfront ta' 'Proman Interiors'. L-appellati jirrilevaw li skont il-ġurisprudenza tagħna, wieħed ma jistax jinqeda b'*tradename* sabiex jaħrab il-possibilità ta' azzjoni fil-konfront tiegħu. Isostnu li l-qrati tagħna dejjem ikkunsidraw li kulħadd għandu jwieġeb għal għemilu, u għalhekk mhuwiex ġust li l-appellata tiġi żgwidata fir-rigward ta' kontra min hija għandha taġixxi. Barra minn hekk, ġaladarba l-appellant kien assuma l-atti permezz tar-risposta tiegħu quddiem it-Tribunal u anki quddiem din il-Qorti, huwa ma jistax isostni li hemm distinzjoni bejnu u l-isem in kwistjoni. Jirrilevaw li l-appellant dejjem aġixxa f'isem 'Proman Interiors', u ma jistax jeżonera ruħu bl-argument li huwa mhuwiex 'Proman Interiors'. Jikkontendu li dan l-isem huwa biss isem alternattiv, u għalhekk ma jistax jingħad li 'Proman Interiors' m'għandux interess ġuridiku. L-appellati jirrilevaw li l-Avviż kien inkiteb mill-uffiċjali tal-MCCAA, u huma ma kellhom l-ebda rappreżentanza legali quddiem it-Tribunal. B'hekk huma ma kienux jafu li kellhom il-possibilità li jikkoreġu l-okkju tal-każ, u m'għandhomx jiġu ppenalizzati għal dan in-nuqqas.

11. Il-Qorti tikkunsidra li l-appellant għandu raġun. L-azzjoni ppreżentata mill-appellata quddiem it-Tribunal, ma tiswa xejn ġaladarba din ma saritx fil-konfront ta' persuna fiżika jew ġuridika. Għalhekk ukoll id-deċiżjoni appellata ma tiswa xejn, u m'għandha l-ebda saħħa sabiex tiġi eżegwita. Tgħid li t-Tribunal kien korrett meta rrileva li l-liġijiet tal-konsumatur huma mfassla sabiex jipproteġuh, iżda ċertament dan ma jfissirx li għandha titwarrab il-liġi tal-proċedura. Tikkunsidra li ma jistax jingħad li jsegwi l-argument tat-Tribunal, li meħuda in konsiderazzjoni din il-protezzjoni pprovduta lill-konsumatur, u l-fatt li t-*tradename* 'Proman Interiors' intuża ampjament u saħansitra wieġbet fil-mertu, huwa ma setax jikkunsidra li l-imsemmija 'Proman Interiors' hija

estranea għall-kwistjoni odjerna. Ċertament dan kollu ma fih l-ebda loġika, u saħansitra m'hemm xejn fil-liġi jew il-ġurisprudenza tagħna li seta' jservi ta' konfort għat-Tribunal.

12. Il-Qorti tikkunsidra li 'Proman Interiors' mhijiex persuna fiżika jew ġuridika li tista' tiġi rikonoxxuta fi proċeduri legali, u għalhekk ma tistax tiġi meqjusa bħala estranea o meno għall-imsemmija proċeduri legali. F'għajnejn il-liġi hija m'għandha l-ebda personalità ta' kwalunkwe xorta, iżda biss tikkostitwixxi isem li jagħmel użu minnu l-appellant għall-fini tan-negozju tiegħu, u faċilment seta' jkun isem ta' kull xort'oħra. It-Tribunal kien skorrett ukoll meta kkunsidra li kienet proprju 'Proman Interiors' li ppreżentat risposta għall-Avviż tal-appellata, għaliex jirriżulta b'mod ċar li kien Mario Falzon li ressaq l-imsemmija risposta fejn indika li huwa kien jeżerċita l-kummerċ bħala 'Proman Interiors Malta'.

13. Il-Qorti tgħid li l-argument tal-appellati li kienu l-uffiċjali tal-MCCAA li għenuhom ifasslu l-Avviż, u li huma ma kellhom l-ebda rappreżentanza legali quddiem it-Tribunal, ma jistax jgħin id-difiża tagħhom kontra l-eċċezzjoni tal-appellant. Kif jingħad, '*ignorance of the law is no excuse',* u huma kellhom jirrikorru għal parir legali li seta' jingħata. Fl-aħħarnett tikkunsidra li x-xogħol tat-Tribunal mhuwiex dak li jgħin lill-konsumatur billi jsalva l-proċedura li jkun ippreżenta quddiemu bil-mod kif sar fil-każ odjern, madankollu fl-aħħar mill-aħħar a detriment tal-istess konsumatur, imma li *ai termini* tas-subartikolu 21(1) tal-Kap. 378, jiddeċiedi l-vertenza quddiemu *"skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità".*

14. Għaldaqstant il-Qorti tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-appellant, u tiddikjara l-Avviż irritu u null, filwaqt li tikkunsidra li b'hekk għandha tiġi fix-xejn l-azzjoni ppreżentata quddiem it-Tribunal, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell odjern.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, u tħassar id-deċiżjoni appellata, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-appell odjern.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**